FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GURISDIZZJONI KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D, MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 21 TA' GUNJU 2017

Il-Pulizija
(Spettur Saviour Baldacchino)

Vs

Derrin Fenech sive Derrin Edward Fenech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru144473m akkuzat talli:

1. nhar l-ewwel ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (01/06/2010) f'xi hin bejn is-0730 u l-1130 ta' filghodu gewwa fond numru 125, Triq is-Sorijiet Tarxien, ikkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb u gojjelerija kif ukoll flus kontanti li b'kollox jammontaw ghal sitt elef u hames mitt euro (€7,500.00) ghad-dannu ta' Mariella u Arthur Shields u/jew ta' persuna/i ohra; liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-valur li jeccedi il-€2329.37 bi ksur tal-Artikoli 263, 264(1), 266(1), 269(g), 279(b) u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv skond sentenzi moghtija lilu, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula u dan bi ksur tal-Art 49, 59 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma krllux oggezzjoni li l-kawza tinstema u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-akkuzi jippotizzaw is-serq aggravat bil-mezz, valur, lok u r-recidiva.

Intant, jinsab pjenament pruvat il-fatt tas-serq 'de qua'. Jinsabu wkoll pruvati l-aggravji relatati mal-valur u lok. Li ma giex pruvat huwa l-aggravju tal-mezz. Fir-rapport tal-espert nominat fl-inkjesta fil-persuna tal-Avukat Joseph Mifsud, illum Magistrat, jinghad li "l-esponent (igifieri l-Avukat nominat) flimkien mal-esperti forensici u l-pulizija ghal saghtejn shah prova jsibu min

dahal kif ghamel dan. Zied jghid li jidher car li min dahal, hareg mill-bieb ta' barra u dahal l-istess".

Din is-silta mir-rapport, riprodotta minn folio 61, ghandha l-importanza taghha fil-proceduri odjerni. Huwa car li l-prosekuzzjoni qeghdha tistrieh fuq il-prova ta' zewg impronti digitali misjubin u elevati minn fuq kaxxa, deskritta bhala 'kaxxa tal-kartun tad-D&G li kienet mal-art fil-kamra tas-sodda tat-tifla" murija f'zewg ritratti mehuda u esebiti mill-ufficjali tas-SOCO. Id-derubati fil-persuni tal-konjugi Shields stqarrew li l-imputat ma kien qatt dahal fejn kienu jabitaw dak iz-zmien u is-sinjura Shields sahhansitra tistqarr li l-imputat lanqas biss kien jaf fejn joqghodu.

L-ispiegazzjoni li ta l-imputat ghal seba tal-impronti digitali tieghu tista' tkun plawsibbli u mhux kemm tigi skartata frettolosament.

Li taf din il-Qorti hu illi trid tkun moralment konvinta dwar il-htija tal-imputat, haga li frankament mhiex, stante n-nuqqas tal-prova tal-mezz, igifieri l-access ghal fond tad-derubati, li jidher li gie ottenut mill-bieb principali li fuqu ma nstab l-ebda sgass u li jghati suspett li minn dahal u seraq kellu c-cavetta tal-bieb.

Ghaldaqstant, tiddecidi li ma ssibx l-imputat hati u tilliberah.

A.M.Trigona
Magistrat